San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 21 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-gimgha 7 ta' Dicembru 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Ray Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Anne Marie Fenech | Kunsilliera |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
Carmel Hili/ John Bray

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

*Qari u approvazzjoni tal-minuti.*

1 Il-minuti tal-laqgha precedent, ittiehdu bhala moqrija peress li gew cirkulati minn qabel. Wara li l-minuti gew approvati, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

*Punti mqajma*

2 *Performance bonus.* Is-Sindku Mario Salerno qal li l-haddiema klerikali ghandhom jinghataw il-performance bonus ta' 6%, u dawk klerikali li m'ghadhomx jahdmu mall-Kunsill jinghataw l-istess persentagg, prorata ta' kemm ghamlu jahdmu mall-Kunsill. Rigward il-performance bonus tas-segretarju Ezekuttiv G. Abdilla ghandu jinghat persentagg ta' 10% prorate ta' kemm dam jahdem mall-Kunsill.

*Garaxijjiet* Is-Sindku kompla jispjega li l-kunsill precedenti kien inghata b'temporary emphyteusis ghall- perjodu ta' 21 sena li jibdew mill 5 ta' Settembru 2008,l-ewwel sular tal-basement taht il-binja li kienet maghrufa bhala Blue Waters fi Triq Gulju. Wara diskussjoni qasira gie deciz li billi dawn il-*car spaces* mhux qed jintuzaw mill-Kunsill ghanda tinhareg tender biex jinkrew u l-Kunsill Lokali jzomm tnejn minnhom ghall-uzu tieghu.

*Flower Kiosk fil-pjazza ta' Bugibba.* Is-Sindku Mario Salerno spjega lill Kunsill li flimkien mas-segretarju ezekuttiv kellu jitla' l-qorti minhabba l-kawza li fetah is-sid tal-kjosk li inghata permess mill-Mepa biex jwaqqaf kjosk tal-fjuri fic-centru tal-pjazza ta' Bugibba. Ghall-din l-istess talba kienet saret oggezzjoni mill-Kunsill precedenti. Mario Salerno spjega lill Kunsill li sid il-kjosk tal-fjuri qed jigi offrut post alternattiv fejn dan il-flower kjosk jista' jitwaqqaf- hekk kif appena jkollna d-devoluzzjoni tal-lattrina li hemm fil-promenade ta' Bugibba. L-imhallef ta' lill Kunsill sa' l-ahhar ta' Frar 2013 biex insibu post alternattiv. Ghaldaqstant ghanda tintbghat talba ghad-devoluzzjoni tal-lattrini bl-arja b'kollox biex ikun jista jitpogga il-kjosk tal-fjuri.

*Monument San Pawl.* Is-Sindku qal li ghandna nahsbu biex jibdew it-thejjijiet ghal-monument ta' San Pawl.

Is-Sindku kompla jghid li ircevejna ittra minghand is-Sirens Football club biex nitkellmu maghhom halli tfal zghar jkunu jistghu jitrawmu aktar.

Huwa kompla jghid li f' Burmarrad hemm madwar 70 tifel u tifla u jekk il-Kunsill juza' fondi mill-UIF, ghandu jittranga l-ground ta' biswit il-knisja ta' Burmarrad. Huwa qal ukoll li s-sigar ta' quddiem il-knisja qed jghamlu hsara bl-gheruq li jimblokkaw il-culverts li hemm taht l-art. Wara ghandu jitnaddaf il-ground ta' Burmarrad ukoll. Ghal dan il-ghan kienet saret laqgha mal-kumitat li qed jiehu hsieb il-bandli flimkien mal-ground f' Burmarrad u ghandu jerga' jsir il-fteheim maghhom mill-gdid. Dan il-ftehim ghandu jinkludi li jinghata l-ammont ta' €1100 fis-

sena mill-kunisll ta' San Pawl biex jinhatar kowc halli jrawwem tfal zghar f'xi dixxiplina sportiva.

*Tizjin tal-Milied.* Gie deciz li l-armar kollu ta' Burmarrad jinghata d-dawl mill-knisja u ghaldaqstant sari l-qbil li l-Kunsill jghaddi kumpens ta' €500 ghall-uzu tad-dawl.

*Skrivana gdida mall-Kunsill.* Mario Salerno qal li sar test bil-miktub li ghalih attendew erbgha biss. Saru wkoll l-interviews u intghazlet wahda minnhom, bl-isem ta' Kristina Camilleri. Ghaldaqstant is-sinjorina Kristina Camilleri giet maghzula biex timla l-post vakanti.

*Laqghat tal-Kunsill.* Is-Sindku kompla l-laqgha billi spjega li mis-sena d-diehla hemm bzonn li l-laqgha tal-Kunsill tibda ssir fl-ahhar gimgha tax-xahar halli jkun hemm aktar kontroll fuq l-infiq u tkun regolari. Billi kien hemm qbil unanimu, gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill tinzamm fl-ahhar gimgha ta' kull xahar.

*Events Coordinators.* Is-sindku qal li l-bord tal-aggudikazzjoni tal-events coordinators ghazell lill Krista Caruana, Alfred Martin u Mario Camilleri.
Krista Caruana tithallas l-ammont ta' €370 biex tikkordina attivitajiet - fi Frar (Motor Show), f' Marzu (Wardafest), f' Gunju (Fish Festival), f'Awissu (Zecchino D' Oro tat-tfal), f' Ottubru (Sculpture symposium) u ohra f' Dicembru (Christmas Joy).
Alfred Martin jithallas €440 biex jikkordina l-attivita tal-Culinary Feast – Mediterranean flavor.
Mario Camilleri jithallas €465 biex jikkordina l-attivitajiet f' Jannar (Re-enactment and historical events), f' Mejju (Jum il-Kunsill Lokali), fl' Lulju (Ice Cream festival), f' Settembru (Summer Carnival) u f' Novembru (Il-festa ta' San Martin u wirja ta' annimali indigini).
Is-Sindku kompla jispjega li l-events ghandhom jinhadmu b' tali mod li jiggeneraw bizzejjed flus li jsostnu l-ispejjes tal-istess attivita.

*Handyman tal-Kunsill.* Is-Sindku qal li x-xoghol mwettaq mill-handyman tal-Kunsill huwa imprezzabbli ghax il-Kunsill qed jiffranka hafna flus u ghaldaqstant ghanda tinhareg tender ghall dan is-servizz.

3 *Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.* Giet mressqa l-iskeda tal-hlasijiet flimkien mal-quarterly reports. Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet dawn gew approvati unanimament.

4 <u>Korrispondenza.</u>

*Pwales.* Gew prezentati xi ritratti tal-ilma tax-xita mhallat bid-drenagg fi triq tal-Pwales u giet diskussa kif l-ahjar tigi solvuta din il-problema. Wara diskussjoni qasira gie deciz li l-kunsill ghandu jinforma lid-dipartiment tal-beach cleaning halli jnaddfu l-alka li takkumula quddiem il-katusa tal-culvert. Ghndu wkoll isir kuntatt mal-WSC biex jiehu hsieb inaddaf il-culvert ta' taht it-triq.

7 *Sirens Football club.* Il-Kunsill ircieva talba minghand is-Sirens Football Club biex jghin fil-pubblikazzjoni tal-fuljett li johrog il-club. Gie maqbul li jinkiteb artiklu u jsir riklam fl-istess fuljett ghall-ammont ta' €250. Kien hemm qbil unanimu.

*Recycling.* Billi l-kunratt tar-riciklagg mall-Green MT, spicca l-kunsill ircieva ittra biex jerga' jikkonsidra li jgedded il-kuntratt. Wara diskussjoni qasira gie deciz li ghanda tohrog expression of interest ghall dan is-servizz.

Mario Salerno. Huwa qal kienet saret applikazzjoni mal-MEPA biex resident f' Bugibba jkun jista' jestendi parti mill-front garden tieghu fuq il-bankina. Huwa kompla jghid li saret objection ghall zvilupp ta' din ix-xorta.

8 *<u>Aggornament tax-xoghlijiet tal-Kunsilliera.</u>*

*Alex Bezzina. Il-Vici Sindku semma li hemm railing li qighed il-boghod mill bollard tal-konkos u jekk ikun hemm xi tfal jistghu jaqghu ghall-isfel. Huwa ssuggerixxa li jitwahhal bicca railing ohra biex tinghalaq din il-wisgha. Huwa kompla jinforma lill kunsill li minhabba li ricentament sar accident fix-xemxija qed jissuggerixxi li ssir crash barrier matul il-promenade.*

*Ray Tabone. Il-kunsillier Ray Tabone informa lill Kunsill li barra mill beach haven hemm applikazzjoni biex fil-bahar jitpoggew ankri. Huwa kompla jghid ukoll li tal-vecca z-zebra crossing ghanda tigi mressqa lejn ir-residenti. Graziella Galea qablet meighu.*

*Jane Chircop. Il-kunsilliera Jane qalet hemm karozza fil-promenade li hija abbandunata u hemm bzonn li titnehha mill-aktar fis possibli.*

*Robert Piscopo semma li hemm zewg hofor fejn in-nicca int u sejjer lejn iz-zebbiegh.*

*Peter Abela semma li s-sub committee tal animal welfare qed jitolbu lill Kunsill biex jisselfu l-PA system u gazebo ghall- attivita li ser jghamlu. L-iskop tal-attivita huwa biex jikber l-gharfien dwar dawn l-ghaqdiet. Peter Abela kompla jghid li qabel kienu thallsu €7000 u ghall xi raguni ma' saritx. Huwa qal li anke tax-xemxija ghanda ssir. Peter Abela kompla jghid li bl-izviluppi li kienu qed isiru fit-Tribunal ghandu jintalab l-kuntratt li kien hemm mal kumitat kongunt.*

*Graziella Galea qalet li fl-iskema tal-measure 313 kien hemm indikat l-postijiet biex jehlu l-visual screens. Dawn ghandhom jehlu fejn telephone boxes minhabba l-internet connections. Hija qalet ukoll li triq l-isturjun hemm bzonn li tissewwa l-bankina.*

*Mandy Buhagiarqalet li fejn l-iskola tal-primarja hemm il-palm li ghandhom bzonn jinzabru u hemm posters antiki ta' party privat li ma' tnehhewx mill-organizzaturi.*

**Aggornament.**

**Il-laqgha spiccat fit-8.15pm. Il-laqgha aggornat ghall nhar il-gimgha 25 ta' Jannar 2013 fil 1730 ta' filghaxija.**

**Mario Salerno**
**Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.**

**Frans Chircop**
**Seg. Ezekuttiv.**